MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-11 ta' April, 2005

Numru. 285/2003

PULIZIJA
SPETTUR STEPHEN GATT
VS
RAYMOND AMBROGIO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Raymond Ambrogio, ta’ 28 sena, bin William u Maria Micallef, imwieled Victoria Ghawdex, fis-27 ta’ Gunju 1974 u joqghod Katrin, Triq l-Imghazel, Swieqi, u detentur tal-karta tal-identita’ numru 25474(G), u akkuzat talli fl-1 t’April 2002 gewwa Ta’ Xbiex ghal habta tad-disgha ta’ filghaxija (9.00pm) volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg Louise Farrugia, Josephine Farrugia, u Charles Mifsud, mobbli jew immobbli, liema ammont ta’ hsara ma kinitx tiskorri hames mitt Lira imma kienet izjed minn hamsin lira Maltin ghad-detriment ta’ Louise Farrugia, Josephine Farrugia, u Charles Mifsud.

U aktar talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi garr fuqu strument li jaqta’ u bil-ponta minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija.

U aktar talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ikkaguna offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Josephine Farrugia hekk kif iccertifika Dr R Borg M.D. tac-Centru tas-Sahha tal-Gzira.

U aktar talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi bhala ufficjal jew impjegat pubbliku kkommetta reat il kellu jissorvelja li ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-11 t’April 2005, fejn l-imputat obbliga ruhu illi bl-ebda mod ma jimmolesta lill-kwerelanti jew lil Josephine Farrugia li minn naha taghhom irrinunzjaw ghal dak kollu rinunzjabbli.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi minn dokument SG2, a fol 17 tal-process, Charles Mifsud ikkonferma illi thallas ghal pendenzi kollha li seta’ kellu mal-imputat fl-10 t’April 2002 u li ma ried xejn minn ghandu.

Illi in segwitu tal-verbal tal-11 t’April 2005, Louise Farrugia u Josephine Farrugia rrinunzjaw ghal l-ewwel u t-tielet akkuza, u kif jidher mill-atti tal-kawza, l-imputat hallas il-pendenzi kollha li seta’ kellu mal-kwerelanti.

Illi jibqa’ ghal daqstant, biss it-tieni u r-raba’ akkuza u cioe’ illi l-imputat garr strument li jaqta’ jew bil-ponta minghajr

licenzja u li bhala ufficjal pubbliku kkommetta reati li kellu dmir li jissorvelja li ma jsirux.

Din il-Qorti tibda' biex tghid illi mill-provi prodotti f'dan il-kaz, jirrizulta illi l-imputat huwa "a public officer", membru tal-Korp tal-Pulizija, li dan kellu relazzjoni mal-kwerelanta Louise Farrugia li minn din ir-relazzjoni twieldet tarbija. Din it-tarbija tragikament kienet tbati minn marda kiefra tal-Lukemia, u kien anke f'dan l-isfond illi graw diversi ncidenti sfortunati.

Illi di piu', fi zmenijiet illi sehhu c-cirkostanzi ta' dan il-kaz, l-imputat kellu xi tnaqqis mill-paga tieghu. Dan it-tnaqqis gie rifless fil-manteniment li suppost kellu jinghata minn Louise Farrugia ghal bintha, u jidher illi l-imputat, ma kienx qed jithalla jara lil bintu, u dan ghal diversi xhur. Illi f'dan l-isfond, l-imputat jidher illi beda jbati minn "depression" tant li kien gie ammess fl-Isptar Monte Carmele.

Illi fl-okkorrenza, a fol 19, issemmiet sikkina. Illi Louise Farrugia, a fol 29 et seq, ukoll issemmi illi l-imputat kellu sikkina f'idejh matul l-incident, illi biha pprova jidhol sabiex jara lil bintu u li wara l-incident ha s-sikkina mieghu.

Josephine Farrugia, a fol 37, ukoll semmiet li ntuzat sikkina biex jinfetah il-bieb, stante li l-imputat ried jara lil bintu. Illi fil-verbal tal-11 t'April 2005, Dr Matthew Brincat ghall-kwerelanti, u Dr Filletti ghall-imputat, qablu li kien hemm konflitt ta' provi dwar it-tieni akkuza.

Illi di piu', din il-Qorti ma ghandha ebda prova li l-imputat m'ghandux infatti licenzja biex igorr tali arma.

Illi din il-Qorti wara li ezaminat il-provi kollha kif prodotti, hija tal-fehma illi l-uniku haga illi ried jaghmel l-imputat kien illi jara lil bintu li kienet marida serjament meta gie mpedut milli jaraha ghal diversi xhur, u dana minkejja l-fatt illi huwa kien qieghed imantniha skond il-ligi. Illi kienu f'dawn ic-cirkostanzi sfortunatissimi illi l-imputat ipprova jidhol fil-fond tal-kwerelanti b'certu forza.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti ma jidhirliex illi l-imputat kellu l-mens rea li trid il-ligi ghal dak li jirrigwardja r-raba' akkuza. Illi c-cirkostanzi li kien jinsab fihom l-imputat, kienu tali cirkostanzi illi jwasslu lil bniedem ordinarju fix-xfar ta' dak li huwa supportabbli. Illi di piu', l-imputat kien persuna illi diga' kien ibati minn "depression". Illi llum il-gurnata, l-imputat ikkura ruhu, ir-relazzjonijiet bejnu u bejn il-kwerelanti ghal dak li huwa access ta' minuri u l-manteniment taghha li huma stradati u din il-Qorti segwiethom mill-vicin ghal perjodu sostanzjali fil-mori tal-kawza u jidher illi ma kien hemm ebda problemi ulterjuri mid-data tal-akkuza.

Illi ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddikjara li ghar-rigward tal-ewwel u t-tielet akkuza, il-process huwa ezawrit,filwaqt li l-Qorti tillibera lill-imputat ghar-rigward tat-tieni u r-raba' akkuza, stante li ma jirrizultawx.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------